# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 14 ta' Marzu, 2024**

**Numru 9**

**Rikors Numru 247/21TA**

**MC Deguara Limited (C 48101)**

**vs**

**Sant Brothers Commercials Limited (C 11729) u Paul Sant (K.I. nru. 446160 (M))**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti ippreżentat fit-18 ta' Marzu 2021 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

*"1. Ir-rikorrenti ġiet ingaġġjata mill-intimati sabiex teżegwixxi xogħolijiet ta' kostruzzjoni f'żewġ siti, wieħed ġewwa triq Misraħ il-Barriera, Santa Venera, u l-ieħor ġewwa triq il-Lampuki, San Pawl il-Baħar.*

*2. Għad li bejn il-kontendenti ma ġie ffirmat ebda kuntratt, huma ftiehmu fuq ir-rati applikabbli għax-xogħolijiet ikkuntrattati lir-rikorrenti skont iż-'mien li fih jitwettqu l-imsemmija xogħolijiet.*

*3. Ir-rikorenti bdiet teżegwixxi x-xogħolijiet fuq il-lant f'Santa Venera f'April tas-sena 2017 u dawk ħewwa San Pawl il-Baħar f'Jannar tas-sena 2018; dawn ix-xogħolijiet baqgħu għaddejjin mingħajr*

*interruzzjoni sa Marzu 2019, u ċioe sa meta l-intimati għażli li jieqfu jħallsu. Rinfaċċjata b'dan il-waqfien, ir-rikorrenti sspondiet l-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet lilha kkuntrattati sakemm fit-8 ta' Mejju 2019, l-appalt de quo ġie tterimat mill-intimati.*

*4. Ir-rikorrenti hia dovuta s-somma bilanċjali ta' tlett elef disa' mija sebgħa u sebgħin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (EUR3,977.77) fuq ix-xogħolijiet minnha intrapriżi ġewwa Santa Venera u s-somma ta' sbatax-il elf mija u erbatax-il Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (EUR17,114.84) fuq ix-xogħolijiet minnha intrapriżi ġewwa San Paw il-Baħar. Dan għal total ta' wieħed u għoxrin elf tnejn u disgħin Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (EUR21,092.61).*

*5. L-intimati qegħdin jirrifjutaw li jħallsu din is-somma bilanċjali.*

*6. Inoltre', part mis-somma dovuta lir-rikorrenti tħallset bi tpartit, senjatament bi tpartit tas-segwenti vetturi (a) Ford Transit Connect Panel Van, numru ta' identifikazzjoni WF0NXXTPNAA80635; (b) Toyota Hiace Panel Van, numru ta' identifikazzjoni JT121JK1100046381; (c) Ford Connect Van numru ta' identifikazzjoni WF0MXXTTPMDP43213; (d) Toyota Dyna 350 Tipper, numru ta' identifikazzjoni TW1AS34Y609000929; (e) Elf Hook Loader, numru ta' identifikazzjoni JAANP75L67100063; (f) Daf FA LF 55.250 Concrete Mixer, numru ta' identifikazzjoni XLRAE55CFL324291; u (g) Toyota Yaris SR D-4D Hatchback, numru ta' identifikazzjoni VNKKC96300A218236.*

*7. Għad li l-vetturi surrefiti qiegħdin, u hekk ilhom, fil-pussess tar-rikorrenti, l-intimati qiegħdin jirrifjutaw li jwettqu u/jew jikkompletaw it-trasferiment meħtieġ mal-awtoritajiet konċernati, senjatament ma' Transport Malta.*

*9. Ir-rikorrenti ressqet l-ewwel interpellanza tagġa permezz ta' ittra datata 8 ta' Lulju 2019, u segwiet din l-interpellanza b'att ġudizzjarju datat 6 ta' Mejju 2020. L-intimati pero' baqgħu għal kollox inadempjenti.*

*10. Cristina Agius (K.I. nru. 367787M), direttriċi unika tal-kumpannija rikorrenti, debitament awtorizzata, taf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

*Raġuni tat-Talba*

*Għar-raġunijiet premessi, kellhom jiġu istitwiti dawn il-proċeduri.*

*Talbiet:*

***Jgħidu għalhekk l-intimati 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:***

*1. Tiddikjara 'lli l-intimati, jew liema minnhom, huma debituri tar-rikorrenti fis-somma kumplessiva ta' wieħed u għoxrin elf tnejn u disgħin Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (EUR21,092.61) rappreżentanti din is-somma kwantu għas-somma ta' tlett elef disa' mija sebgħa u sebgħin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (EUR3,977.77), ammont bilanċjali dovut mill-intimati, jew liema minnhom, fuq ix-xogħolijiet intrapriżi mir-rikorrenti ġewwa Santa Venera u kwantu għas-somma ta' sbatax-il elf mija u erbatax-il Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (EUR17,114.84), ammont bilanċjali dovut mill-intimati, jew liema minnhom, fuq ix-xogħolijiet intrapriżi mir-rikorrenti ġewwa San Paw il-Baħar.*

*2. Tikkundanna lill-intimati jew liema minnhom iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' wieħed u għoxrin elf tnejn u disgħin Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (EUR21,092.61) rappreżentanti din is-somma kwantu għas-somma ta' tlett elef disa' mija sebgħa u sebgħin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (EUR3,977.77), ammont bilanċjali dovut mill-intimati, jew liema minnhom, fuq ix-xogħolijiet intrapriżi mir-rikorrenti ġewwa Santa Venera u kwantu għas-somma ta' sbatax-il elf mija u erbatax-il Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (EUR17,114.84), ammont bilanċjali dovut mill-intimati, jew liema minnhom, fuq ix-xogħolijiet intrapriżi mir-rikorrenti ġewwa San Paw il-Baħar.*

*3. Tordna lill-intimati jew lieam minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju prefiss minn din l-Onorabbli Qorti jwettqu u/jew jikkompletaw it-trasferimenti meħtieġ mal-awtoritajiet konċernati, senjatament ma' Transport Malta tal-vetturi: (a) Ford Transit Connect Panel Van, numru ta' identifikazzjoni WF0NXXTPNAA80635; (b) Toyota Hiace Panel Van, numru ta' identifikazzjoni JT121JK1100046381; (c) Ford Connect Van numru ta' identifikazzjoni WF0MXXTTPMDP43213; (d) Toyota Dyna 350 Tipper, numru ta' identifikazzjoni TW1AS34Y609000929; (e) Elf Hook Loader, numru ta' identifikazzjoni JAANP75L67100063; (f) Daf FA LF 55.250 Concrete Mixer, numru ta' identifikazzjoni XLRAE55CFL324291; u (g) Toyota Yaris SR D-4D Hatchback, numru ta' identifikazzjoni VNKKC96300A218236.*

*4. Taħtar, jekk ikun hemm bżonn, kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-intimati, jew lieam minnhom, fuq kwalunkwe att*

*talvolta meħtieġ skont it-talba preċedenti, f'każ ta' kontumaċja tal-istess intimati jew liema minnhom.*

*5. Tiddikjara 'lli l-intimati, jew liema minnhom, ma kellhomx raġuni valida sabiex iħollu l-appalt mertu tal-proċeduri odjerni.*

*6. Konsegwentement, tillikwida, ai termini tal-art. 1640 (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, dik is-somma li tiġi meqjusa minn din l-Onorabbli Qorti, skond iċ-ċirkostanzi, spettanti lir-rikorrenti u tordna lill-intimati jew liema minnhom iħallsu s-somma hekk likwidata.*

*Bl-imgħax sad-data tal-effetiv pagament, u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-atti ġudizzjarji li ppreċedew dawn il-proċeduri u tal-mandat ta' sekwestru ntavolat kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat, kontra l-intimati 'lli huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

*B'riżerva inoltre ta' kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti."*

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Sant Brothers Commercials Limited (C 11729) u Paul Sant (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 446160 (M)) datata 27 ta' April 2021 u li permezz tagħha eċċeppew is-segwenti:

"*Stqarrija ta' l-Eċċezzjonijiet*

*1. Illi s-soċjeta' eċċipjenti ma tat ebda appalt lill-attriċi, u għalhekk għandha tiġi meħlusa mit-talbiet attriċi.*

*2. Illi mingħajr ebda preġudizzju għas-suċċepit, l-uniku bilanċ rimanenti favur l-attriċi dwar l-appalt ta' San Pawl il-Baħar jammonta għal €1,900.29, li minnu għad irid isir tnaqqis stante xi xogħol ħażin, filwaqt li l-uniku bilanċ li huwa dovut lill-attriċi dwar l-appalt ta' Santa Venera huwa dak fis-somma ta' €3,019.54, liema ammont l-eċċipjenti Sant dejem offra li jħallas diment li l-attriċi timmetti l-irċevuti fiskali opportuni għal dak kollu mħallas minnu.*

*3. Illi mingħajr ebda preġudizzju għas-suċċepit, l-attriċi kienet u għadha fid-dmir li tagħti lill-eċċipjenti Sant l-irċevuti fiskali għall-ħlasijiet kollha magħmula minnu, u qabel dan isir, l-ebda ħlas, inkluż it-trasferiment sħiħ tal-vetturi msemmija minnha, ma jista' jiġi akkordat jew kompletat.*

*4. Illi mingħajr ebda preġudizzju għas-sueċċepit, kienet l-attriċi li abbandunat l-appalt mogħti lilha mill-eċċipjenti Sant.*

*5. Illi mingħajr ebda preġudizzju għas-sueċċepit, f'kull każ l-eċċipjenti Paul Sant kellu raġuni valida biex jittermina l-appalt mogħti lill-attriċi minħabba s-sospensjoni tax-xogħlijiet u dewmien fl-eżekuzzjoni ta' l-appalt.*

*6. Illi mingħajr ebda preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet attriċi huma għalhekk ilkoll infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt, u għalhekk għandhom jiġu kollha riġettati bl-ispejjeż.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attriċi, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni tar-rappreżentanti tagħha li proċeduri ġudizzjarji.*

*B'riserva wkoll ta' kull azzjoni spettanti lill-konvenuti kontra l-attriċi."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Qrat ix-xhieda fil-kawża.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Diċembru 2023 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Punt ta' fatt**

Huwa fatt mhux kontestat illi r-rikorrenti għamlet xogħolijiet lill-konvenuti jew min minnhom ġewwa Santa Venera u San Pawl il-Baħar.

**Punti ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet u konsiderazzjonijiet**

## 1. Il-ftehim bejn ir-rikorrenti u l-konvenuti jew min minnhom

Ma hux kontestat bejn il-partijiet illi r-rikorrenti hi MC Deguara Limited (C 48101). Pero', min-naħa l-oħra, l-konvenut Paul Sant jikkontendi illi kwalunkwe ftehim dejjem sar bejn ir-rikorrenti u Paul Sant u mhux bejn ir-rikorrenti u Sant Brothers Commercials Limited (C 11729).

F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota illi tul il-proċess ħareġ ċar illi s-soċjeta' rikorrenti tagħti xogħol ta' appalt u s-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' rikorrenti billi tipprovdilha diversi makkinarju bħala tpaċija u fi kliem ieħor bħala *set-off*. Dan il-punt ma hux kontestat bejn il-partijiet u jidher ċar mill-i*statements* illi s-soċjeta' konvenuta bagħtet lis-soċjeta' rikorrenti u anke mir-*receipts* u kopja ta' liema tinsab a fol. 99 u 100 u 102 103 u 110. Inoltre' l-konvenut Paul Sant fl-affidavit tiegħu stess datat 16 ta' Jannar 2023 sostna illi "...*Meta kien jiġi stabbilit l-ammont dovut minni, Paul Sant, jien kont infakkar lil Christina Deguara li l-kumpanija attriċi kellha tagħti l-flus lil kumpanija Sant Brothers Commercials Limited. Nispjega li l-kumpanija attriċi kienet tixtri vetturi u nġenji mingħand il-kumpanija Sant Brothers Commercials Limited, b'mod li kien hemm bilanċi dovuti favur il-kumpanija tiegħi...Pero' għalija ma kienx jagħmel sens li noħroġ flus personali lill-kumpanija attriċi meta din għandha tagħti flus lill-kumpanija tiegħi*" (a fol. 187 u 188). Din il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għall-Artikolu 1196 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi definizzjoni ċara ta' tpaċija, u ċioe' ta' *set-off*, billi tali artikolu jgħid illi "*Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpaċija*."

Jidher ċar illi kien hemm tpaċija f'dan il-każ u mhux sempliċiment ħlas tax-xogħol għaliex li kieku *se mai* Paul Sant kien iħallas il-kumpanija rikorrenti minn butu u mhux il-kumpanija konvenuta u dan għaliex il-Liġi tipprovdi spjegazzjoni ċara meta tpaċija tista' ssir. Apparti dan, l-istess Paul Sant xehed fil-15 ta' Mejju 2023 (a' fol. 249), illi "*Il-VAT, il-kumpanija hallsitha, il-VAT lid-dipartiment tal-VAT*."

Inoltre', Paul Sant xehed fl-15 ta' Mejju 2023, u illi "*Ghax hi taf li hi bhal speci bhala parti, jien tajtha x-xoghol lilha biex bhal speci hi taghmel ix-xoghol, jien naghtiha xoghol minn hawnhekk, mill-kumpanija, u l-flus nohroghom biss meta irid nigborhom minn ghandha bhal speci ghax hi bid-dejn kont naghtihomlha l-vetturi ha nghid hekk*." (a' fol 252).

Għaldaqstant, ġjaladarba Paul Sant stess xehed illi hu jirrilaxxja l-vetturi lis-soċjeta' rikorrenti kemm-il darba s-Soċjeta'Attrici toħroġ l-irċevuta fiskali, huwa ċar illi l-ftehim sar bejn il-kumpanija rikorrenti u l-kumpanija konvenuta. Dan ifisser ukoll illi l-irċevuti fiskali kellhom ikunu fuq isem il-kumpanija konvenuta.

F'dan ir-rigward, din il-Qorti tqis illi l-Att Dwar il-Kumpaniji, Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, illi Artikolu 4 (1) jipprovdi illi kull kumpanija hija soċjeta'. L-Artikolu 4 (4) imbagħad jipprovdi illi "*soċjetà kummerċjali għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membru jew tal-membri tagħha, u l-imsemmija personalità ġuridika tibqa' sseħħ sakemm l-isem tas-soċjetà*

*kummerċjali ma jiġix imħassar mir-reġistru, u b'hekk is-soċjetà kummerċjali tieqaf teżisti*."

Għaldaqstant, il-konvenut Paul Sant qatt ma jista' jallega illi l-ftehim kien bejnu u bejn is-soċjeta' rikorrenti u dan għaliex it-tpaċija, jew is-*set off,* sar bejn is-soċjeta' rikorrenti u s-soċjeta' konvenuta u kienet is-Soċjeta' konvenuta li kienet qed toħroġ ir-*receipts* lis-Soċjeta' Attrici u li kif ingħad għandha personalita' ġuridika distinta minn dik ta' Paul Sant, anke jekk Paul Sant hu l-unika shareholder fit-tali soċjeta'.

Dan il-punt partikulari ġie trattat mill-Qorti fis-Sentenza ***VASSALLO BUILDERS GROUP LIMITED ġja magħrufa bħala Vassallo Builders Limited vs John A. Said pro et*** fejn il-fatti kienu simili għall-każ in eżami.

**2. Il-ftehim bejn il-kumpanija rikorrenti u l-kumpanija konvenuta**

Ġjaladarba huwa ċar illi l-ftehim kien bejn il-kumpanija rikorrenti u l-kumpanija konvenuta, kien hemm ftehim li t-tieni punt illi jrid ikun stabbilit hu x'tip ta' ftehim kien hemm bejn il-partijiet.

F'dan il-każ, hu ċar illi kien hemm xogħol ta' appalt *stante* illi kien hemm xogħol ta' kostruzzjoni miftiehem bejn il-partijiet. L-Artikolu 1633 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi f'dan ir-rigward li "*Meta wieħed jiġi mqabbad għal xi xogħol, jista' jiġi miftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħti wkoll il-materjal*."

Dan it-tip ta' ftehim seta' jsir kemm verbali kif ukoll bil-kitba u dan għaliex il-formalita' ta' ftehim bħal dan ma hiex waħda minn dawk elenkati fl-Artikolu 1233 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u hekk ukoll kif kien diskuss mill-Qorti fis-Sentenza sucitata li trattat ukoll dan il-punt. Ma hux ikkontestat bejn il-partijiet, u dan hekk kif joħroġ mill-evidenza tul il-proċess, illi qatt ma kien hemm ftehim iffirmat bejn il-partijiet tul ir-relazzjoni tagħhom ta' xogħol, li tmur lura għal snin sħaħ.

Fil-fatt, il-partijiet qablu illi qatt ma ġie ffirmat ftehim bil-miktub bejniethom. Fost oħrajn dan jemergi mix-xhieda ta' Christine Agius datata 7 ta' Frar 2022, direttriċi tas-Socjeta' u kif ukoll mix-xhieda ta' Paul Sant li hu direttur fil-kumpanija konvenuta (a fol. 88 u75).

B'dan illi pero' ftehim verbali huwa xorta waħda ftehim illi jorbot lill-partijiet bil-kundizzjonijiet kollha konvenuti bejn il-partijiet. Il-problema li tqum f'dan ix-xorta ta' ftehim hi, li l-kundizzjonijiet iridu jinstiltu mill-provi li jkollha quddiemha l-Qorti. Ftehim bil-miktub jipprovdi aktar certezza.

Huwa ċar, u ma hemm ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet, illi kienu ftehmu fuq żewġ postijiet ta' fejn għandu jsir ix-xogħol, u dawn huma wieħed Santa Venera u l-ieħor San Pawl il-Baħar.

Dan il-ftehim verbali pero' kien ibbażat fuq il-karti tal-prezzijiet, u dan kif ser ikun analizzat hawn taħt.

**3. Rati tax-xogħol u ammont dovut mill-kumpanija konvenuta lill-kumpanija rikorrenti**

**a. Santa Venera**

Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet, illi kull ftehim verbali kien jikkonsisti fi qbil fuq karta tal-prezzijiet mogħtija mis-Socjeta' Attrici lill-kumpanija konvenuta. Fil-fatt, is-Socjeta' Attrici provdiet karta tal-prezzijiet lis-Socjeta' konvenuta meta tal-ewwel għamlet ix-xogħol f'Santa Venera, u dwar dan kien hemm qbil bejn il-partijiet. Fil-fatt jirrisulta mill-provi, illi s-Soċjeta' Attriċi forniet dokument tal-prezzijiet lill-konvenuti meta s-Soċjeta' Attriċi kienet bniet il-binja ġewwa Santa Venera. (Il-lista tal-prezzijiet tinsab a fol. 192 sa 195).

Jirrisulta ukoll illi l-partijiet jaqblu fuq l-ammont dovut mis-Soċjeta' konvenuta lis-Soċjeta' Attriċi, liema ammont hu ta' Eur 3,019.54.

Il-konvenuti, mill-ewwel darba illi ntavolaw ir-risposta ġuramentata, sostnew illi kienu lesti li jħallsu dan ammont. Is-Soċjeta' Attriċi pero' talbet ammont ogħla. Iżda irid jiġi osservat li Christine Agius, direttriċi tas-Soċjeta' Attrici xehdet illi l-ammont dovut lis-Soċjeta' Attriċi fir-rigward tal-proġett ġewwa Santa Venera hu ta' Eur 3,019.54 (a fol. 90).

B'dan illi għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi l-ammont li jrid jitħallas mis-Soċjeta' konvenuta tassew huwa ta' Eur 3,019.54.

**b. San Pawl il-Baħar**

Il-partijiet pero' mhumiex qed jaqblu fir-rigward tal-ftehim verbali ta' xogħol illi sar mis-Soċjeta' Attriċi ġewwa San Pawl il-Baħar. Il-konvenuti qed jikkontendu illi l-partijiet kienu qablu li l-istess karta tal-prezzijiet mogħtija għax-xogħol ta' Santa Venera kellha tkun applikabbli għax-xogħol ġewwa San Pawl il-Baħar. Mill-banda l-oħra, is-Soċjeta' Attriċi tikkontendi illi kienet tat prezzijiet b'rati riveduti għax-xoghol ta' San Pawl il-Baħar. (Il-kopja tal-prezzijiet tinsab a fol. 93 sa 96, fost oħrajn).

Sabiex tkun tista' tasal għall-konklużjoni, il-Qorti fliet ix-xhieda ta' Paul Sant (a' fol. 75):

"**Dr. Keith Borg**: *Issa. Jekk jghogbok, il-proprjeta' ta' Santa Venera jekk jghogbok, ta' min hi?*

**Xhud**: *Tieghi u tal-mara ta' Pawlu Sant u ta'...Sant*

**Dr. Keith Borg**: *Sewwa wisq. U l-proprjeta' f'San Pawl il-Bahar, jekk jghogbok, ta' min hi?*

**Xhud**: *Tat-tifel tieghi. Ta' Brandon Sant.*

**Dr. Keith Borg**: *Sewwa. Ha nistaqsih dirett li naqblu li ma kienx hemm kuntratt. Inkun qed nghid sewwa li bejnietkom, inti u MC Deguara, jew bejn il-partijiet f'din il-kawza, intom m'ghandkomx kuntratt bil-miktub –*

***Xhud:*** *Le –*

**Dr. Keith Borg**: *Hux hekk? Sewwa. Mela –*

**Xhud**: *Imma r-rati tawhomli* ***dejjem*** *qabel ma bdew.*

**Dr. Keith Borg**: *Issa –*

**Qorti**: *Min tahomlok? MC Deguara –*

**Xhud:** *MC Deguara*."

Minn dan il-bran jirrisulta li s-Soċjeta' Attriċi tassew ipprovdiet lis-Soċjeta' konvenuta karta tal-prezzijiet u dan dejjem qabel ma beda x-xogħol. Dan ifisser li żgur ma kienx ser tkun l-istess prezzijiet ta' Santa Venera għaliex li kieku ma kienitx terġa' tagħti karta ta' prezzijiet iżda jekk qatt issir referenza għal dawk ta' Santa Venera.

Inoltre' anke li kieku ingħatat l-istess karta ta' prezzijiet kienet kundizzjoni li "*F. Prices to vary if there is an increase in materials, wages or other due to an increase in cost of fuel or other unforeseen happenings*." Dan ifisser li s-Soċjeta' konvenuta kienet ben konsapevoli illi seta' jkun hemm żieda fil-prezzijiet. Ġjaladarba, l-kumpanija konvenuta kienet taf b'din il-klawsola kien fid-dover tagħha illi tara illi l-prezzijiet ser jibqgħu żgur l-istess qabel ma kien beda x-xogħol f'San Pawl il-Baħar u mhux sempliċiment toqgħod fuq il-preżunzjonijiet.

Għaldaqstant, il-kumpanija konvenuta qatt ma tista' tallega li ma kinitx taf il-karta tal-prezzijiet hekk kif riveduta mis-Soċjeta' Attriċi. Reviżjoni fil-prezzijiet li saret għaliex dak iż-żmien jidher illi kien hemm żieda fil-prezz tal-materjal u dan kif xehed il-Perit Steward Azzopardi. Dan jispjega illi ħares lejn ir-rati pprovduti mis-Soċjeta' Attriċi u ukoll lejn ir-rati tal-kumpanija li kienet tipprovdi l-materjal lis-Soċjeta' Attriċi. F'dan il-kuntest dan ix-xhud jispjega "*Li huma r-rati tal-B&B ta' October 2015 u r-rati tal-*

*B&B ta' April 2018. Ghaliex ghamilt hekk? April 2018 hija l-ahhar increase in rates li sar mill-Concrete Supplier qabel ma bdew il-progett ta' San Pawl. U October 2015 kien l-ahhar increase in rates qabel ma bdew Santa Venera*." (a' Fol 138). Dawn ir-rati huma indikazzjoni cara li kien hemm żieda bejn is-snin 2015 u 2018 (a' fol 148 sa 152). Martin Deguara wkoll xehed is-segwenti:

"**Imhallef**: *Allura fix-xoghol, taghkom kull meta kien hemm bzonn revizjoni tar-rati, kien min kien issa, insa lis-sinjur, dejjem b'dan il-mod imxejtu? Tibqghu ghaddejin?*

**Xhud**: *Il-parti l-kbira, init jekk tibni relazzjoni tahdem, imma imbaghad trid turi l-provi tal-xjismu hux.*

**Imhallef**: *Taz-zieda ghaliex.*

***Xhud***: *U dak iz-zmien kien taghmel xi sentejn jew tlieta biex joghla xi haga, dan l-ahhar ghaxar snin kull gimgha*." (a' fol 184).

Għalhekk ġjaladarba tali ftehim jipprovdi illi seta' jkun hemm żidiet, ix-xhieda ta' Martin Deguara, illi kien il-foreman tas-Soċjeta' Attriċi, li ma hix kontradetta hija verosimili għall-aħħar. Huwa minn awl id-dinja li f'dan il-qasam ta' xogħol, anke fid-dawl tal-inċertezzi li qed iġġib magħha l-ekonomija globali li dawn iż-żidiet huma mistennija. Dan ix-xhud mexa skont il-klawsoli tal-ftehim bejn il-partijiet. Martin Deguara qal ukoll is-segwenti:

"**Imhallef**: *... Jigifieri intom ghedtulhom bir-rati l-godda meta spiccajtu.*

*Xhud: Mhux hekk*."

Dan ikompli jixhed:

"**Imhallef**: *Allura fix-xoghol, taghkom kull meta kien hemm bzonn revizjoni tar-rati, kien min kien issa, insa lis-sinjur, dejjem b'dan il-mod imxejtu? Tibqghu ghaddejin?*

**Xhud**: *Il-parti l-kbira, init jekk tibni relazzjoni tahdem, imma imbaghad trid turi l-provi tal-xjismu hux.*

**Imhallef:** *Taz-zieda ghaliex.*

**Xhud**: *U dak iz-zmien kien taghmel xi sentejn jew tlieta biex joghla xi haga, dan l-ahhar ghaxar snin kull gimgha*." (a' fol 184).

Inoltre' anke Paul Sant xehed illi fil-qasam tal-kostruzzjoni minn żmien għal żmien u b'mod mgħaġġel, ir-rati jinbidlu (a' fol 261). Paul Sant jikkonferma ukoll illi hu kien jaf bil-klawsola ittra F hawn fuq riprodotta ( a fol. 276). Paul Sant jipprova jgħid illi hu kellu jkun mgħarraf bir-reviżjoni tar-rati u li *se mai* għandhom jogħlew minn dakinhar li jkun jaf 'il quddiem. Biss għal darb'oħra, din il-Qorti tqis illi ġjaladarba l-kumpanija konvenuta kienet ben konsapevoli bil-kundizzjoni ittra F, u liema karta tal-prezzijiet hi ftehim bejn il-partijiet, il-kumpanija rikorrenti imxiet mat-tali ftehim. Di piu' kif diga' rilevat fuq mistoqsija tal-Qorti rappresentant tas-Soċjeta' Attriċi qal li huma kienu għarrfu lill-konvenuti b'dan it-tibdil u fil-kuntest tal-provi kollha din il-Qorti temmen lis-Soċjeta' Attriċi f'dan ir-rigward.

Il-Perit Martin Farrugia, l-perit tal-kumpanija konvenuta wkoll xehed fit-13 ta' Lulju 2023, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 288, illi

"**Dr. Keith Borg***: Issa perit, bhala rati fis-suq tal-kostruzzjoni, inkun korrett nghid illi f'sena r-rati jistghu jinbidlu drastikament fis-suq tal-kostruzzjoni?*
**Xhud***: Jistghu. Jiddependu l-prezzijiet tal-hadid specjalment*."

Din iż-żieda fil-prezzijiet hija wkoll koperta mill-Artikolu 1639 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u liema artikolu jipprovdi illi "*L-appaltatur illi ntrabat li jtella' bini, jew xogħol ieħor kbir, skont pjanta stabbilita u miftiehma ma' min tah ix-xogħol, ma jista' jitlob ebda żjieda ta' prezz, minħabba li jkun żdied il-prezz tal-ħaddiema jew tal-materjali, jew minħabba li fil-pjanta jkun sar xi tibdil jew żjieda, li ma jkunux gravużi għalih*".

Din il-parti tal-ligi tipprova tħares li ħadd mill-partijiet ma jmur minn taħt. Għalhekk meta jkun hemm żieda dan għandu jassumiha min qed jagħti x-xogħol iżda mhux sal-punt meta din tqegħdu fi żvantaġġ ekonomiku gravi. Pero' din hija wkoll regola li ma tapplikax meta l-prezzijiet ikunu ġew stabbiliti u indikati fi ftehim bil-miktub. Fis-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tas-17 ta` Frar 2003 fl-ismijiet Topserv Ltd -vs- Vella noe** ingħad hekk dwar l-Art.1639 tal-Kap.16 – *"A contrariu sensu jfisser, dejjem attiz li x-xoghol miftiehem ikun ta' entita' kbira, jekk it-tibdil ikun gravuz jew pregudizzjevoli ghall-appaltatur dan jista' u ghandu dritt jitlob zieda fil-*

*prezz. Din hi disposizzjoni eccezzjonali u taghmel sens tenut rigward tat-telf kbir li jista' jigi subit f`dawn il-kazijiet ta' xoghol kbir."*

Minn diversi xhieda prodotti hawn fuq, kemm min-naħa tas-Soċjeta' Attriċi u anke min-naħa tal-konvenuti jidher ovvju li anke kieku ma kienx hemm ftehim bil-miktub, kien hemm żieda li kienet iktar gravuża għas-Soċjeta' Attriċi.

B'dan illi għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi tali ammont irid jitħallas mill-kumpanija konvenuta lill-kumpanija attriċi u liema ammont hu ta' Eur 17,114.84.

**c. Imgħax**

Ġjaladarba din il-Qorti qieset illi l-ftehim tax-xogħol kien bejn is-Soċjeta' Attriċi u dik konvenuta, dan il-ftehim huwa att kummerċjali oġġettiv, u dan skont l-Artikolu 5 (e) tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Għaldaqstant, għandu japplika Artikolu 1141 (1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex ikun regolat l-imgħax dovut fuq l-ammonti hawn fuq imsemmija.

Mir-rikors ġuramentat tas-Soċjeta' Attriċi u anke mix-xhieda tal-konvenut Paul Sant il-binja ta' Santa Venera, u liema xhieda tinsab a fol. 260, kienet lesta lejn April 2018, b'dan illi l-ammont dovut ta' Santa Venera kellu jitħallas f'Mejju 2018 (a' fol 260).

Fir-rigward ta' San Pawl il-Baħar, jidher kemm mir-rikors ġuramentat ippreżentat mis-Soċjeta Attriċi u anke mir-risposta tas-Soċjeta' konvenuta

illi l-ammont pretiż mis-Soċjeta' Attriċi kien dovut mill-1 ta' April 2019, u dan ġjaladarba l-kumpanija Attriċi waqfet mix-xogħolijiet minħabba illi l-kumpanija konvenuta waqfet tħallas tax-xogħolijiet f' Marzu 2019, mingħajr pero' ma hemm speċifikat data partikolari.

**4. Trasferiment ta' vetturi bejn il-kumpanija rikorrenti u l-kumpanija konvenuta**

Skont ir-rikors ġuramentat is-Soċjeta konvenuta biegħet diversi vetturi lis-Soċjeta Attriċi b'dan pero' li s-Soċjeta' konvenuta żammet id-dritt tal-*hire purchase* fuq l-imsemmija vetturi. Dawn huma: (a) Ford Transit Connect Panel Van, numru ta' identifikazzjoni WF0NXXTTPNAA80635; (b) Toyota Hiace Panel Van, numru ta' identifikazzjoni JT121JK1100046381; (c) Ford Connect Van numru ta' identifikazzjoni WF0MXXTTPMDP43213; (d) Toyota Dyna 350 Tipper, numru ta' identifikazzjoni TW1AS34Y609000929; (e) Isuzu Elf Hook Loader, numru ta' identifikazzjoni JAANP75L67100063; (f) Daf FA LF 55.250 Concrete Mixer, numru ta' identifikazzjoni XLRAE55CF0L324291; u (g) Toyota Yaris SR D-4D Hatchback, numru ta' identifikazzjoni VNKKC96300A218236.

Dawn il-vetturi jkopru "*parti mis-somma dovuta lir-rikorrenti tħallset bi tpartit*." Ma hux ċar biżżejjed jekk dawn il-vetturi humiex parti mis-somma mill-vertenza li għandha quddiemha jew jekk mhux inkonnessjoni ma' xogħol ieħor li ma hux il-mertu tal-ewwel żewġ talbiet Attriċi. Din il-Qorti ħarset lejn l-att ġudizzjarju datat 6 ta' Marzu 2020 (a' fol. 11), li jiċċara illi l-

ammont dovut indikat fil-parti intestata bin-numru 3 fin-numru aktar 'l fuq f'din is-sentenza huwa oltre' dawn il-vetturi. Di fatti Christine Agius, direttriċi tal-kumpanija rikorrenti, illi "...*Mela ghad fadlilha tiehu three thousand, nineteen point fifty four, hu qed jibghat l-istess statement jaqbel ma' din ic-cifra, pero hemm fifyt thousand seven hundred eight four point fifty three, li hu taghna rcevuta minghand Sant Brothers Commercials, qeghda hawnhekk l-ircevuta, ... li qed juri li qatghahulna dan il-bilanc, li jikkonsisti minn certu ammont ta' vannijiet u makkinarju li xtrajna li pero t-transfer tal-vannijiet ma ghamilniex imma hu set off, igifieri dak l-ammont veru issetjahulna pero l-vannijiet fir-realta' jekk irid inbiegh xi haga minnhom ma humiex tieghi ghax ma nistax inbieghhom*."(a' fol 90). Anke Paul Sant, direttur tal-kumpanija konvenuta jixhed a fol. 76 u 77, is-segwenti:

"**Dr. Keith Borg**: *Ghadek kemm smajt lir-rapprezentant ta' Transport Malta tixhed, jekk jghogbok, tista' tispjegalna ghalfejn qieghed tirrifjuta li ddawrilhom il-vetturi fuq isimhom?*

**Xhud**: *Le meta kont nibghat l-istatements, wiehed fix-xahar, kont nghidilha tini l-fiscal receipt tal-VAT, li baqghet ma tatilhix il-fiscal receipt tal-VAT, u jien, intik il-cancellation. Hi hadet .. flus, flus li l-fiscal receipt ma gietx ghandi.*

**Dr. Keith Borg**: *Igifieri inti qed tghid li qed tirrifjuta li ddawarhom habba l-fiscal receipt?*

**Xhud:** *Iva, fil-fatt ingiblek statement u anke Christina baghtomlha bl-email nista' ngiblek, ghamilt, perjodu, zmien twil fuq sena, please, give me, send me fiscal receipt u ....*"

B'dan illi jidher illi l-vetturi m'għandhomx x'jaqsmu mal-ammont li qed jintalab mill-kumpanija rikorrenti f'din il-kawża iżda li dawn il-vetturi huma fir-rigward ta' ammonti illi diġa' huma issaldati bejn il-partijiet u li jonqos biss il-ħruġ tal-irċevuta fiskali.

Dan ifisser li l-kumpanija konvenuta għandha l-obbligu illi tneħħi r-restrizzjonijiet minn fuq l-imsemmija vetturi, u b'dan illi għaliex kwalunkwe ammont fir-rigward taghhom gie issaldat. Li kien mod ieħor ma hemm ebda dubbju li l-konvenut ma kienx joqgħod lura biex għid dan.

Minn xhieda ta' Karen Cremona dawn il-vetturi kollha huma reġistrati fuq is-Soċjeta' Attriċi pero' kollha ghandhom "hire purchase restriction" favur is-Soċjeta' konvenuta. Din tal-aħħar ma tridx tersaq għall-kanċellament ta' din ir-restrizzjoni għaliex trid li jkollha r-riċevuti tal-Vat.

Issa intqal li dawn il-vetturi ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-pendenzi li għandha quddiemha din il-Qorti. Għalhekk kwalunkwe riċevuti tal-vat li talvolta huma dovuti max-xogħolijiet mertu ta' din il-Kawża ma għandhomx ikunu ta' ostakolu għall-kanċellament ta' dawn ir-restrizzjonijiet. Li l-konvenuti jinsistu għar-riċevuti tal-vat sewwa jagħmlu u saħansitra għandhom kulll dritt jagħmlu r-rapporti kollha neċessarji lill-Awtoritajiet

kompetenti, ħaġa li sal-lum il-konvenuti jidher li qatt ma għamlu. Għalhekk indipendentement mir-riċevuti tal-Vat inkwistjoni s-Soċjeta' konvenuta għandha l-obbligu li tersaq quddiem l-Awtorita' kompetenti biex jitħassru dawn ir-restrizzjonijiet.

**5. Allegazzjoni ta' xogħol ħażin mill-kumpanija rikorrenti**

Il-konvenuti allegaw illi l-kumpanija rikorrenti wettqet xogħol ħażin ġewwa San Pawl il-Baħar. Mix-xhieda ta' Saviour Caruana, li hu sid tal-fond li jinsab biswit il-fond fejn is-Soċjeta' Attriċi kienet qed twettaq ix-xogħolijiet, ried li jinqala xi ħadid (a' fol 162 sa 165). Dan il-ħadid, imsejjaħ *under pinning*, ma kienx tneħħa kollu kif suppost mis-Soċjeta' Attriċi, u dan anke kif jirrisulta mir-ritratti esebiti illi jinsabu (a fol. 235 sa 237 ara ukoll xhieda ta' Thomas Agius a' fol 244 u 245). B'konsegwenza ta' hekk is-Soċjeta' konvenuta jew il-konvenut Paul Sant kellhom ineħħu dan ħadid huma. Minħabba f'hekk il-konvenuti inkorrew ħlas ta' **Eur 1,174.15**, u dan kif jirrisulta mill-kont ippreżentat mill-konvenuti (a' fol. 233). Għalhekk din il-Qorti issib li din l-allegazzjoni ġiet ippruvata mill-konvenuti sal-grad rikjest mil-Liġi.

Għaldaqstant, irid jitnaqqas dan l-ammont mill-ammont dovut lill-kumpanija attriċi.

**6. Il-ftehim ta' appalt illi waqaf bejn il-partijiet**

Mill-provi jidher ċar illi s-Soċjeta' Attriċi għażlet illi tieqaf milli tkompli bix-xogħol ġjaladarba l-kumpanija konvenuta ma kinitx ħallsithom u b'dan illi s-Soċjeta' konvenuta waqqfet il-kuntratt ta' appalt bejn il-partijiet.

F'dan il-każ, il-Qorti tqis dak li hu pprovdut fl-Artikolu1640 (1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fejn tali artikolu jgħid illi "*Min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt,għalkemm ix-xogħol ikun diġà beda*."

Issa mill-provi huwa ċar li s-Soċjeta' konvenuta kienet qed tindika li ma tridx tħallas il-prezzijiet mibdula u anzi bdiet tinsisti li dawn kellhom jibqgħu bħal dawk ta' Santa Venera.  Din il-vertenza diġa' ġiet trattata aktar 'l fuq.

Issa huwa magħruf li ħadd ma jaħdem għal xejn jew jaħdem b'telf *omnia labor optat premium.*

Kif osservat il-**Qorti Ċivili Prim' Awla fil-kawża Ignazia Degabriele vs George Calleja et tat-30 ta' Ġunju 2004**, "*Hu maghruf illi fil-kaz ta' inadempiment tal-kuntratt ta' appalt, inkluz f' dan it-terminu n-nuqqas ta' ezekuzzjoni tajba tax-xoghlijiet, ma huwiex eskluz l-applikazzjoni tal-principji generali fil-kaz ta' inadempjenza kontrattwali. Dawn, infatti, jibqghu applikabbli meta ma jirrikorrux il-presupposti taddisposizzjonijiet specjali, senjatament ir-rizoluzzjoni u l-hall tal-kuntratt, ex-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili. Hekk allura r-responsabilita ta' l-appaltatur tibqa' tissussisti fejn dan per ezempju jonqos li jikkompleta l-opra affidata lilu jew f' kaz ta' dewmien fl-ezekuzzjoni jew ikun naqas mill-obbligazzjoni tieghu li jezegwixxi u*

*jikkonsenja l-opra appaltata skond ir-regoli ta' l-arti u s-sengha, u x-xoghlijiet jirrizultaw karenti u difettuzi. F' cirkostanzi bhal dawn l-kommittent ghandu d-dritt, ex-Artikolu 1069 (1) tal-Kapitolu 16, li jaghzel li jgieghel lill-appaltatur jezegwixxi in forma specifika l-appalt u jaghmel ix-xoghlijiet rimedjali, kif ukoll li jinsisti ghad-danni [Artikolu 1069 (2) Kodici Civili].*

*Kif deciz mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (1 ta' Marzu 1995, Numru 2346; Roberto Triola "Codice Civile Annotato con la Giurisprudenza", Tieni Edizzjoni, 2002), "nel contratto di appalto, il committente, che lamenti difformita` o difetti dell' opera, puo` richiedere che la difformita` o i difetti siano eliminabili a spese dell' appaltatore mediante condanna da esiguirsi nelle forme previste dall' art 2931 codice civile (korrispondenti ghall-Artikolu 1127 tal-Kodici Civili taghna) oppure che il prezzo sia ridotto (Ara f' dan is-sens Kollez. Vol. XXX P III p 433) e, in aggunta o in alternativa, che gli venga risarcito il danno derivante dalle difformita` o dai vizi. Tale domanda risarcitoria non si identifica con quella diretta all' attribuzione del risarcimento per equivalente che il committente proponga in subordine alla mancata esecuzione specifica della condanna all' eliminazione delle difformita` o dei vizi: la prima, infatti, che postila la colpa dell' appaltatore, e` utilizzabile per il ristoro del pregiudizio che non sia eliminabile mediante un nuovo intervenuto dell' appaltatore (come nel caso di danni a persone o a cose, o di spese di rifacimento che il committente abbia provveduto di fare eseguire direttamente); la seconda, che prescinde dalla colpa dell' appaltatore tenuto comunque alla garanzia, tende a conseguire un 'minus'*

*rispetto alla reintegrazione in forma specifica, della quale rappresenta il sostitutivo legale, mediante la prestazione della 'eadem res debita', sicche deve ritenersi ricompresa, anche se non esplicitata, nella domanda di eliminazione delle difformita` o dei vizi."*

Naturalment, il-prinċipju ġenerali huwa li min jippresta s-servizzi tiegħu jagħmel hekk kontra id-diżimpenn tal-parti l-oħra li tħallas għal dak is-servizz. B'hekk il-massima li sservi bħala bażi għall-istanza attriċi hija dik li omnia labor optat premium. Hija ta' spiss ġustament ċitata s-sentenza fl-ismijiet **Nutar Dr. Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Ltd. et, (App Ċiv Nru: 532/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-20 ta' Novembru 2009** fejn ġie ritenut hekk: Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' prinċipju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx waħda gratuwita, min jippresta s-servizzi tiegħu taħt kwalsiasi forma, għal vantaġġ ta' ħaddiehor, hu intitolat li jiġi retribwit. Dan in omaġġ għall-prinċipju illi omnia labor, optat premium.

Fid-dawl tar-resistenza tas-Soċjeta' konvenuta li tħallas ir-rati miftehma, anke in linea mal-principju ta' pacta sunt servanda, għaliex wara kollox il-kuntratti huma liġi bejn il-partijiet, il-Qorti issib li s-Soċjeta' Attriċi kellha kull dritt li teżerċita d-drittijiet tagħha taħt l-artikolu 1064 u li fil-verita' bl-aġir tagħhom kienu l-konvenuti li tterminaw l-appalt mingħajr raġuni ġusta. B'dan kollu, fid-dawl taċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma tħossx li għandhom

ikunu applikati l-estremi previsti f'artikolu 1460(2) tal-Kodiċi Ċivili kontra l-konvenuti.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' limitament l-ewwel talba tar-rikorrenti** u dan għall-ammont globali ta' tmintax-il elf u disa' mija u sittin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu tal-Ewro (EUR 18,960.23) bl-imgħax li beda jiddekorri fir-rigward tax-xogħlijiet ta' Santa Venera f'Mejju 2018 u fir-rigward tax-xogħlijiet ta' San Pawl il-Baħar f'April 2019;

**Tilqa' limitament it-tieni talba tar-rikorrenti** u dan għall-ammont globali ta' tmintax-il elf u disa' mija u sittin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu tal-Ewro (EUR 18,960.23) bl-imgħax li beda jiddekorri fir-rigward tax-xogħolijiet f'Santa Venera minn Mejju 2018 u fir-rigward tax-xogħolijiet f'San Pawl il-Baħar minn April 2019;

**Tilqa' it-tielet u raba' talba tar-rikorrenti** u tordna lis-Soċjeta' konvenuta sabiex fi żmien disgħin ġurnata mil-lum tersaq quddiem l-Awtoritajiet kompetenti biex tneħħi r-restrizzjonijiet kollha fuq il-vetturi fuq imsemmija b'mod li s-Soċjeta' Attriċi tkun f'posizzjoni li titrasferihom lill-terzi jekk liberament.

Fin-nuqqas li tagħmel dan, il-Qorti qegħdha taħtar bħala kuratur lil Dr. Anthony Cutajar sabiex jidher għas-Soċjeta' konvenuta f'data li tkun mifthema mal-partijiet kollha u dan sabiex jidher flimkien mas-Soċjeta' Attriċi quddiem l-Awtorita' kompetenti biex jitneħħew ir-restrizzjonijiet inkwistjoni fuq il-vetturi imsemmija f'din is-Sentenza u kif indikati fit-tielet talba Attriċi.

**Tilqa' il-ħames talba Attriċi** u tiddikjara li s-Soċjeta' konvenuta bħala li ma kellha ebda raguni valida biex tittermina l-appalt inkwistjoni.

**Tastjeni milli tipprovdi** għas-Sitt talba Attriċi.

Bl-ispejjeż kif mitluba jitħallsu mill-kumpanija konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**